MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Numru. 65/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Ellis bin Emanuel u Maria nee' Saliba, imwieled fil-15 ta' Jannar, 1968 u residenti c/o Baron Group Ltd,
Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 3968(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Ellis li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Awwissu, 2008 u l-jiem ta' qabel din id-data bi ksur ta' artikolu 43(1) (a) u 18 (1) ta' l-Att Dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu Ghal Malta Kap 409, f'The Hamlet No. 3 u No. 4 Ghammar Road,

Ghasri, Ghawdex mexxa jew ippermetta it-tmexxija ta’ xi attivita’ turistika (postijiet ghal vaganzi) minghajr ma kien fil-pussess ta’ licenzja valida mahruga mill-Awtorita’:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ l-Artikoli 43 (1) (a) tal-Kapitolu 409;
Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69c).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------